

Lussemburgu, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10255/19

HYBRID 24
COPS 189
CFSP/PESC 476
JAI 687
COTER 76
CYBER 205

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-Ħidma Mwettqa Taħt l-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt biex jiġi Miġġieled it-Theddid Ibridu - Konklużjonijiet tal-Kunsill - (6 ta' Ġunju 2019)

Id-delegazzjoni jsibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħidma Mwettqa taħt l-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt biex jiġi Miġġieled it-Theddid Ibridu, adottati mill-Kunsill fit-3697 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Ġunju 2019.

KONKLUŻJONIJET DWAR IL-ĦIDMA MWETTQA TAĦT L-AZZJONI 1 TAL-QAFAS
KONĠUNT BIEX JIĠI MIĠĠIELED IT-THEDDID IBRIDU

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-2016 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Qafas Konġunt biex jiġi Miġġieled it-Theddid Ibridu - reazzjoni tal-Unjoni Ewropea", tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Ġenerali tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra Theddid Ibridu tad-19 ta' April 2016;
2. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2018, li ddikjaraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iktompli jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jindirizzaw it-theddid ibridu, kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018 li jfakkru li l-Ewropa għandha tiegħu responsabbiltà akbar għas-sigurtà tagħha stess u ssaħħa ir-rwol tagħha bħala attur kredibbli u affidabbli u sieħeb fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;
3. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li r-responsabbiltà primarja biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu qiegħda f'idejn l-Istati Membri;
4. FILWAQT LI JINNOTA li l-ġlieda kontra t-theddid ibridu ġiet identifikata bħala wieħed mill-komponenti ewlenin, li torbot il-politika interna u esterna tal-isforzi tal-UE biex ittejjeb l-ambjent tas-sigurtà tagħha u tipproteġi l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha;

5. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza dwar l-Implimentazzjoni tal-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu għas-sensibilizzazzjoni dwar it-theddid ibridu, filwaqt li jiżgura approċċ globali minn kull livell tal-gvern tal-isforzi li għaddejjin fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell tal-UE, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iskambju ta' informazzjoni sabiex jikkontribwixxi għal fehim komuni tal-UE dwar it-theddid ibridu;
6. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Istati Membri biex iwettqu l-Istħarriġ dwar ir-Riskju Ibridu filwaqt li jirrikonoxxi li hemm bżonn ta' aktar ħidma sabiex tittejjeb kontinwament ir-reżiljenza tal-UE kontra t-theddid ibridu;

B'DAN,

7. JILQA' l-progress li sar fir-rigward tar-riżultati tal-Istħarriġ dwar ir-Riskju Ibridu previst fl-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt, imwettaq mill-Istati Membri bl-oġettiv li jivvalutaw il-vulnerabbiltajiet ewlenin għat-theddid ibridu, kif ukoll tad-disseminazzjoni xierqa tar-riżultati bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jieħdu nota ta' dan l-eżitu bl-għan li titkompla l-ħidma, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, fl-identifikazzjoni tal-oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni u jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jenfasizzaw il-vulnerabbiltajiet identifikati permezz tal-Azzjoni I u jipprioritizzaw lil dawk li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-UE;
9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex ikomplu jenfasizzaw lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill il-progress li sar fir-rigward tal-Azzjonijiet taħt il-Qafas sabiex jiffaċilitaw il-fehim komuni, is-sensibilizzazzjoni dwar il-livell ta' theddid li attwalment qed jiffaċċjaw l-UE u l-Istati Membri tagħha u jsaħħu aktar l-isforzi fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet;

10. JENFASIZZA l-importanza ta' approċċ aktar koordinat bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-UE minħabba n-natura multidimensjonali ta' theddid bħal dan u l-effetti tagħhom fuq is-sigurtà tal-UE;
11. JAPPELLA lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu jikkondividu, fuq bażi volontarja, informazzjoni u l-aħjar prattiki sabiex jikkontribwixxu għal fehim komuni tal-UE tat-theddid ibridu.
-